**MINUTI**

**Minuti tal-52 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi**

**It-tmien leġiżlatura**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar, 2023, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsillier Charles Zerafa
Il-Kunsilliera Marion Parnis

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Kulħadd kien preżenti.

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**52.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**52.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**52.2** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**52.2.1** Il-Minuti tal-51 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Minuti ġew approvati bħala dokument korrett.

**52.2.2** **PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**

52.15.3 Il-Viċi Sindku xtaq jikjarifika li wara li preżenta l-istimi, wieħed minnhom ma kienx interessat li jagħti s-servizz, filwaqt li l-prezz offert minn dak interessat kien sa massimu ta' €2500 skond is-servizz li ser jintalab. Hu qal li ser issir laqgħa għal aktar diskussjoni fil-jiem li ġejjin.

**52.3** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

Ma kienx hemm komunikazzjoni taħt dan l-item.

**52.4** **MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**52.5.** **SIT ELETTRONIKU**

Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li skond struzzjonijiet mid-DGL, il-Kunsilli Lokali kollha għandu jkollhom biss is-sit uffiċjali tal-gvern. Huwa qal li l-website eżistenti kienet tinħtieġ upgrade għaliex hija antikwata u mhix aġġornata u mhux vjabbli finanzjarjament li dan isir, meta hemm diġa l-informazzjoni aġġornata fis-sit uffiċjali. Manadankollu, u wara esperjenza kerha ta' Kunsill Lokali ieħor, huwa jiproponi li d-domain jinżamm mill-Kunsill biex jiġi evitat xi inkonvenjent li dan jinxtara minn terzi fejn jista' jintuza għal skop illeċitu. Din l-ispiża ma taqbiżx il-€100 fis-sena. Is-Sindku qabel ma' li qal il-Kunsillier Zerafa u ssekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

**52.6** **JUM IL-QRENDI 2023**

**52.6.1** Is-Sindku propona li s-Serata ta' Ġieħ il-Qrendi issir il-Ġimgħa 17 ta' Frar fis-7.30pm, minħabba li is-Sibt is-Sala Parrokjali hija bbukjata għal attivita' tal-Karnival. Huwa propona li nhar il-Ħadd 19 ta' Frar 2023 issir il-quddiesa wara t-tqegħid ta' kuruni. Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li ssir laqgħa ta' koordinament bil-preżenza tal-istaff amministrattiv biex tiġi kkoordinata l-loġistika.

**52.7** **ĠIEĦ IL-QRENDI 2023**

**52.7.1** Is-Sindku preżenta n-nomina riċevuta għal Ġieħ il-Qrendi, nominat is-Sur Tarcisio Vella. Peress li kien hemm nomina waħda kien hemm qbil li mhux lok li jitlaqqa' kumitat u l-approvazzjoni ssir mill-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-isem nominat. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-persuna nominata biex tingħata Ġieħ il-Qrendi 2023. Ġew nominati is-Sinjuri Amy Farrugia, għal Onorefiċenza fil-ħidma mużikali, Alec Falzon għal ħidma sportiva, Daniel Caruana għal ħidma soċjali u Maria Daniela Farrugia, Paul u Paula Bugeja Lucas għal żidma reiħjuża u soċjali.

**52.8 TENDERS**

**52.8.1** Is-Sindku informa li t-tenders publikati qegħdin fil-fażi ta' evalwazzjoni.

**52.8.2** It-tender Patching Works QLC-CNUR4/22 ġie finalizzat u l-bord irrakkomanda l-irħas offerta konformi tal-offerent Jake Borg.

**52.8.3** It-tender Concrete Imprint Works in various Alleys QLC-CNUR3/22 qed jiġi evalwat u intbagħtu xi kjarifiċi. Il-Bord jirrakkomanda l-offerta ta' J&K bħala l-irħas offerta konformi.

**52.8.4** Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**52.8.5** It-tender tal-Lift għadda għand l-Inginier biex jara t-teknikalitajiet tal-offerti mitfugħa, biex eventwalment jibda' jiġi evalwat mill-Bord.

**52.8.6** It-Tender Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value CNUR5/22 ġie evalwat u ser jiġi ffirmat il-Kuntratt.

**52.8.7** It-tender tat-Tindif tan-Non Urban ser jibda jopera l-kuntrattur il-ġdid skond il-lista tax-xogħolijiet.

**52.9 FESTA TAL-PATATA 2023**

**52.9.1** Is-Sindku talab lil Viċi Sindku jispjega. Il-Viċi Sindku qal li kien iltaqa' mas-Sur Camilleri li qed jgħin fl-organizzazjoni u ġew suġġeriti numru ta' items biex jiġu inklużi. Huwa qal li qed jiġi evalwat u jsir il-pjan adatt biex jitħejja l-programm. L-attivita' ser issir fl-14 ta' Mejju 2023 bejn it-8.00am u l-5.00pm.

**52.10 SEJĦA GĦAL POST TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ĦATRA TA' INTERVIEWING BOARD**

**52.10.1** Is-Sindku qal li m'għandux informazzjoni dwar l-andament tal-proċess tal-ingaġġ tas-Segretarji Eżekuttivi, mandankollu jiproponi li jiġi approvat il-bord tal-interviews, ħalli malli l-Kunsill jirċievi l-lista ta' kandidati prospettivi, inkunu nistgħu niproċedu. Is-Sindku propona li l-Bord ikun iffurmat minnu, mid-Deuptat-Segretarju Eżekuttiv bħala ex-officio, il-Kunsillier Charles Zerafa u Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali ieħor biex ikollu konoxxenza tar-rwol. Is-Sindku propona s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq peress li hija skala għola, jew lis-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Kirkop bħala sostitut. Il-Viċi Sindku ssekonda u l-Kunsill unanimament aċċetta l-formazzjoni tal-bord.

**52.11 LAQGĦA TAL-LOKALITA'**

**52.11.1** Is-Sindku propona li l-laqgħa tal-lokalita' ssir qabel is-Seduta li jmiss fil-5.30pm. Kien hemm qbil unanimu dwr dan.

**52.12 BUSINESS PLAN**

**52.12.1** Is-Sindku preżenta l-Budget għas-sena 2023 u l-Business Plan għas-snin li ġejjin. Huwa qal li l-ispiża għas-servizzi essenzjali tramite t-tenders qegħda dejjem togħla, mentri l-allokazjoni finanzjarja baqgħet l-istess. Is-Sindku qal li għad hemm inċertezza dwar l-ammont dovut għas-servizz tal-ġbir tal-iskart peress li issa s-servizz qiegħed jingħata ma' lokalitajiet oħra. Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa kif ħa jinqasam il-ħlas.

Is-Sindku qal li għad ma hemmx risposta ċara dwar dan, u hemm il-ħsieb li l-kont jinqasam pro rata skond in-numru ta' residenzi u l-piż tal-iskart, iżda għad m'aħniex f'pożizzjoni nkunu nafu l-ammont relatat ma' tipping fees.
Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

**52.13 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**52.13.1** Is-Sindku qal li ltaqa' diversi drabi mal-manager tal-iskart fi ħdan ir-Reġjun Punent u mal-kuntrattur rigward l-iskeda u l-ħinijiet tal-ġbir. Hu qal li l-iskart qed jinġabar mal-lokalita' ta' Ħal Kirkop u jidher li s-servizz li qed jingħata huwa sodisfaċenti. Is-Sindku qal li minn records ta' ilmenti jidher li t-tgergir dwar dewmien fil-ġbir inqata' u r-residenti qed jinqdew tajjeb.
Is-Sindku qal li jonqos diffikulta' dwar il-ġbir f'Wied iż-Żurrieq u l-istabbilmenti u qed jistennew direzzjoni mid-DLG. Hu qal li peress li s'issa ma kien hemm l-ebda soluzzjoni dwar dan, inżamm is-servizz tal-kollettur ta' qabel. Barra dawn qed nistennew risposta wkoll fuq il-ġbir miċ-ċimiterju. Is-Sindku qal li ingħatat direzjoni mir-Reġjun li sa Marzu l-iskart tal-ħwienet tal-merċa ser ikun inkluż u qed nistennew direzzjoni għal wara, jekk dawn jibqgħux inklużi jew jekk għandhomx iħallsu bħala stabbilmenti kummerċjali, filwaqt li l-iskejjel (inkluż l-iskola Hellen Keller) u anka każini jkunu inklużi.

**52.13.2** Is-Sindku qal li kien attenda għal żewġ kunċerti fi żmien il-Milied li kien mistiden għalihom.

**52.13.3** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' IM dwar il-pjan ta' xogħolijiet fejn ġew diskussi Triq il-Kastiljani, Triq Gregorio Mifsud, Triq il-Knisja u Triq tal-Providenza. Huwa qal li reġa' semma Triq il-Ġwiewel fejn għadha ma ttieħdetx azzjoni. Qal ukoll li Triq San Lazzru, Ħal Luq u Sqaqien u Ta' Puzzu ser jiġu kkunsidrati wkoll, u jiġu inklużi fil-lista ta' toroq diġa mibgħuta u skond il-prijorita'. Is-Sindku fakkar fil-linja ta' Triq il-Panorama li għadu ma sarx u qal ukoll li l-bieraħ stess reġa seħħ inċident fl-istess triq.

**52.13.4** Is-Sindku nforma li ġew preżentati ammont ta' kotba lill-iskola, inkluż lir-rebbieħ tal-kompetizzjoni dwar santa Katerina.

**52.13.5** Is-Sindku informa li ġie infurmat li hemm madwr €80,000 fondi akkumulati fil-fond tal-(ex) Joint Committee u li dawn għandhom jitqassmu bejn il-Kunsilli li kienu jiffurmaw parti. Huwa qal li qed isiru laqgħat biex jiġi stabbilit kif għandhom jiġu maqsuma.

**52.13.6** Is-Sindku rrefera għall-artiklu li kien deher dwar żbroff ta' drenaġġ f'Wied iż-Żurrieq. Hu qal li saru r-rapporti meħtieġa mad-Dipartment tas-Saħħa u għaddejja investigazzjoni biex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

**52.13.7** Is-Sindku informa li kellu laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet rigward xogħol fil-pjazza quddiem il-Knisja u rrefera għal MOU iffirmat xi żmien ilu biex titranġa l-pjazza fejn ġew identifikati diversi issues u l-proposta biex jibda x-xogħol. Is-Sindku qal li ġie eskluż li x-xogħol jibda fi żmien il-festa. Hu qal li qed isir testing biex jittieħed kampjun għal fondazzjoni u jiġi stabbilit x'għandu jsir. Ġie rrakomandat li l-bankini jibqgħu kif inhuma.

**52.13.8** Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa hemm l-ewwel laqgħa ġenerali annwali tar-reġjun Punent fejn kulħadd huwa mistieden jattendi. Din ser issir fis-sala tal-Kunsill ta' Ħal Safi.

**52.13.9** Is-Sindku informa li dalgħodu attenda għal seminar informattiv dwar benefiċċji minn fondi ewropej u kif tapplika għalihom.

**52.13.10** Il-Viċi Sindku qal li twaħħlet mera parabolika fi Triq is-Sejba li ma kienet tagħmel l-ebda effett. Is-Sindku qal li din ma twaħħletx mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li f'dan il-post il-mera trid tkun apposta u talab li din tiġi ordnata mill-kunsill.

**52.13.11** Is-Sindku qal li l-problema tad-dawl li ilha rrapurtata għal tmien ġimgħat għadha ma ssolvietx mill-Enemalta.

**52.13.12** Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li qiegħed f'kuntatt mad-developer tal-mobile app biex isir l-uploading wara li kien hemm diversi issues li issa ġew solvuti. Hu qal li issa nistennew li din tiġi launched.

**52.14 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**52.14.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**52.15 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**52.15.1** Il-laqgħa intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 22 ta' Frar 2023

David Schembri MQR
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv